MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2009

Talba Numru. 90/2008

**KD Travel Services Limited – (C 23603)**

**vs**

**Pierre Schembri**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghal hlas ta' erba` mija u tlieta u sittin ewro u erba` u hamsin centezmu €463.54) gja` Lm199 rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' xiri ta' biljetti ta' l-ajru mis-socjeta' attrici kopja ta' 'statement' mehnuz ma` l-avviz.

Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-prezentata ta` l-avviz kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notfikat u l-anqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi l-konvenut naqas li jidher anki ghas-seduta ta` llum.

Ra illi gie pprezentat Kapitolu fis-seduta tad-29 ta’ Jannar, 2009 mill-Avukat Claudine Zarb u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

It-Tribunal jidhirlu illi l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici, bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------